

Brussell, 8 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14005/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0236(NLE)

INST 343

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar in-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

dwar in-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' Membru tal-Kummissjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 246, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-President tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissarju BRETON irriżenja bħala Membru tal-Kummissjoni b'effett mis-16 ta' Settembru 2024.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 246, it-tielet paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-President tal-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li post vakanti li jirriżulta minn riżenja fil-Kummissjoni ma hemmx għalfejn jimtela, b'mod partikolari meta ż-żmien li jkun fadal mill-mandat tal-Membru tal-Kummissjoni jkun qasir.
- (3) Mill-ġurnata li fiha r-riżenja saret effettiva, iż-żmien li fadal mill-mandat tal-Kummissjoni attwali huwa ta' inqas minn xahrejn. Sostituzzjoni għal perjodu daqshekk qasir tal-Membru tal-Kummissjoni li rriżenja ma tidhirx meħtieġa, filwaqt li titqies l-organizzazzjoni tal-Kummissjoni bħala korp kolleġġjali skont l-Artikolu 17(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (4) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompożizzjoni tal-Kummissjoni mill-bidu tal-mandat il-ġdid tagħha fl-2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-post vakanti kkawżat fil-Kummissjoni minħabba r-riżenja tal-Kummissarju BRETON ma għandux jimtela.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
